MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 1137/2008

**Anna Azzopardi, Bernardette Azzopardi, Maria Rosaria magħrufa bħala Lucianne Zammit, Edmond Tonna u Saturnina Tonna armla tad-defunt Joseph Tonna**

**-vs-**

**Joseph Tonna**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta’ Novembru 2008 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi l-atturi rikorrenti, bl-eċċezzjoni ta’ Saturnina Tonna, flimkien mal-konvenut intimat, huma lkoll ulied id-defunt Joseph Tonna, li ġie nieqes fl-14 ta’ Frar 1998, filwaqt illi l-attriċi rikorrenti Saturnina Tonna hija l-armla ta’ l-imsemmi defunt Joseph Tonna; u

2. Illi l-partijiet huma lkoll proprjetarji f'sehem indiviż bejniethom, iżda fi kwoti differenti ta' żewġ *garages*, u ċioe' *garage* bla numru bl-isem "Kevin Garage", Triq 5 ta' Dicembru 1630, B'Kara u *garage* bla numru bl-isem "Chrisdave", Triq Francesco Zahra, B'Kara; u

3. Illi in forza ta' testment li sar mid-defunt Joseph Tonna, datat 23 ta' Frar 1995 in atti Nutar Dottor Marthese Felice, l-attriċi rikorrenti Saturnina Tonna ġiet dikjarata użufruttwarja tal-ġid kollu tad-defunt żewġha, filwaqt illi l-atturi rikorrenti l-oħra flimkien mal-konvenut intimat ġew nominati bħala eredi universali tiegħu; u

4. Illi l-konvenut intimat qed arbitrarjament jokkupa l-*garages* in kwistjoni mingħajr il-kunsens u awtorizzazzjoni ta' l-atturi rikorrenti, u qed jimpedixxi u jċaħħad lill-atturi rikorrenti, inkluż lil Saturnina Tonna li hija l-użufruttwarja, milli jaċċedu għal u jagħmlu użu minn dan il-fond; u

5. Illi għalkemm l-konvenut intimat ġie interpellat sabiex jivvaka minn dawn il-fondi, hu baqa' inadempjenti u għadu jokkupahom sal-lum; u

6. Illi fil-fehma ta' l-atturi rikorrenti, l-konvenut intimat m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet ta' l-atturi;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegħ tal-kawża a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tordna lill-konvenut intimat sabiex jivvaka l-fond, ossia *garages*, minnu okkupati u ċioe' *garage* bla numru bl-isem "Kevin Garage", Triq 5 ta' Diċembru 1630, B'Kara u *garage* bla numru bl-isem "Chrisdave", Triq Francesco Zahra, B'Kara fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, u dan għar-raġunijiet imsemmija.

Bl-ispejjeż, inkluż ta' l-ittra interpellatorja datata 4 ta' Settembru 2008, kontra l-konvenut intimat nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar 2009 li permezz tiegħu l-konvenut ġie mogħti l-awtorizzazzjoni illi jipprezenta risposta ġuramentata;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fit-2 ta' Frar 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-intimat huwa ko-proprjetarju f'sehem indiviż bejnu u bejn ħutu kif ukoll Saturnina Tonna, kif dikjarat fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur, u dan permezz ta' testment datat 23 ta' Frar 1995 quddiem Nutar Dr. Marthese Felice, ta' żewġ *garages* msemmijin fl-istess paragrafu;

2. Illi huwa vvaka totalment kull oġġett li seta' kellu fiż-żewġ *garages* u dan kif iddikjarat fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2009;

3. Illi l-intimat waqt l-istess *seduta stante*, għamel tentattiv sabiex jgħaddi kopja ta' ċavetta ta' *garage* minnhom allegatament liema wieħed ma kienx hemm aċċess mir-rikorrenti fir-rikors promotur;

4. Illi l-intimat jinsab lest li joffri somma għall-eventwali bejgħ ta' l-imsemmija proprjeta', jekk ikun il-każ li rikorrenti jaqblu li garaxx jew iż-zewġ garaxxijiet jinbiegħu għal prezz raġonevoli;

5. Illi l-intimat qiegħed jirriserva kull dritt li jista' jkollu u mingħajr preġudizzju tal-fatt illi kien l-istess missieru u illi ta b'tolleranza u użu l-istess garaxx li fuqu kien hemm kwistjoni;

6. Illi l-intimat jirrispinġi kull allegazzjoni illi huwa għad fadallu xi oġġetti miżmuma fl-istess *garages* u li l-istess oġġetti huma proprjeta' tal-mejjet missieru Joseph Tonna;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' April 2009 li permezz tiegħu il-kawza thalliet għas-sentenza wara li l-partijiet iddikjaraw li l-konvenut għadda kopja taċ-ċavetta tal-fond "Kevin's Garage" lill-atturi;

Ikkunsidrat;

Illi l-rikorrenti qed jitolbu li l-konvenut jiġi żgumbrat mill-fond in kwistjoni minħabba li qed jokkupah waħdu. L-attriċi Saturnina Tonna hija użufruttwarja tal-garaxx imsemmi u l-atturi l-oħra u l-konvenut huma ko-propjetarji tan-nuda proprjeta'. Il-konvenut fid-diversi dehriet quddiem il-Qorti ipprometta li jgħaddi kopja taċ-ċavetta tal-fond lill-atturi u eventwalment għamel dan. Madankollu l-attriċi Saturnina Tonna għandha dritt tingħata l-pussess effettiv waħedha biex tkun tista' tagħmel użu veru mid-dritt tagħha ta' użufruttwarja.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fir-rigward, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba *stante* d-digriet tad-28 ta' Jannar 2009, iżda tilqa' t-tieni talba attriċi (limitatament ta' l-attriċi Saturnina Tonna) u tordna li l-konvenut jiżgumbra mill-fond in kwistjoni favur tagħha fi żmien tlett xhur; *stante* dak li ntqal tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-atturi l-oħra; spejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------